MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 641/2004

**Alfred u Marlene konjugi Williams**

**vs**

**Charles u Rita konjugi Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta' Novembru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn u tlett mitt Lira Maltin, (LM2,300.00,0), in kwantu ghas-somma ta' mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0), rapprezentanti kera li tithallas fid-9 t'Awissu t' kull sena bil-quddiem ghall-iskadenzi tad-9 t'Awissu tas-sena 2003 u tad-9 t'Awissu

tas-sena 2004, fuq il-fond bin-numru 7A, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Senglea, ai termini ta’ skrittura datata 9 t’Awissu tas-sena 2000, hawn annessa u mmarkata ‘Dok. AMW 1’, u kwantu ghas-somma ta’ elfejn u mija Liri Maltin, (Lm2,100.00,0), rapprezentanti wiehed u ghoxrin (21) skadenza ta’ mitt Lira Maltin, (Lm 100.00,0), -il wahda pagabbli fl-ewwel gurnata ta’ kull xahar ghall-iskadenzi mill-1 ta’ Marzu tas-sena 2003 sa l-1 ta’ Novembru tas-sena 2004 a tenur ta’ klawsola numru erbgha (4) tal-precitata skrittura u jigi ddikjarat xolt il-kuntratt ta’ lokazzjoni hawn fuq imsemmi u jigu kkundannati jizgumbraw mill-fond numru 7A, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Senglea, fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tat-23 ta’ Jannar tas-sena 2004 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni. B’rizerva ghal kull bilanc dovut lill-atturi in forza ta’ l-iskrittura privata hawn fuq imsemmija;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Tirrileva li ghalkemm notifikati skond il-ligi, il-konvenuti jidher li ghazlu li xorta wahda ma jipprezentawx il-posizzjoni taghhom lil din il-qorti nonostante udjenza appozita espressament rizervata ghal dan u konsegwentement baqghu fi stat ta’ kontumacja;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond meritu ta’ din il-procedura senjatament il-fond numru 7A, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, l-Isla;

2. Illi permezz ta’ skrittura privata datata d-9 t’Awissu tas-sena 2000 l-atturi krew l-imsemmi fond lill-konvenuti bil-kundizzjonijiet hemm pattwiti;

3. Illi l-konvenuti qatt ma ottemporaw ruhhom mal-kundizzjonijiet hemm pattwiti;

4. Illi l-ammont mitlub mill-atturi hu diviz bil-mod segwenti:

a. Mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0), bhala kera mhux imhallsa mid-data tal-iskrittura privata fuq indikata;

b. Elfejn u mitt Lira Maltin, (LM2,100.00,0), ghall-“goodwill” korrispondenti ghas-sena 2003 u 2004;

5. Illi jirrizulta li l-atturi interpellaw lill-konvenuti skond il-ligi qabel ma pprocedew bil-kawza odjerna;

6. Illi l-konvenuti jirrizultaw li dejjem impedew lill-atturi milli jottjenu d-drittijiet taghhhom u konsegwentement kienu kostretti jipprocedu permezz ta’ din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti ghazlu li jibqghu kontumaci;

Ghaldaqstant, din il-qorti m’ghandhiex ghalfejn tiddubita bil-veradicita’ tal-fatti kif esposti mill-atturi u konsegwentement takkolji t-talbiet attrici u allura:

1. tikkundanna lill-konvenuti Charles u Rita Micallef biex ihallsu lill-atturi Alfred u Marlene Williams l-ammont globali ta’ elfejn u tlett mitt Lira Maltin, (LM2,300.00,0);

2. Tordna wkoll li l-istess konvenuti fuq indikati jizgumbraw mill-fond bin-numru 7A, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Senglea, fi zmien xahrejn mil-lum, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------